ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

1 DEC 2021

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IT-TMINN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 552**

**Il-Ħamis 28 t'Ottubru 2021**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' b'mod virtwali permezz ta' *Microsoft Teams*, fis-6.15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech - Sindku
Bernice Farrugia - Viċi Sindku
Joseph Buttigieg - Kunsillier
Ghislaine Bongailas - Kunsilliera
Angelo Scicluna - Kunsillier
Joseph Vella - Kunsillier
Anna Calleja - Kunsilliera
Joseph Agius - Kunsillier
Patrick Barbara - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Mark Grech - Kunsillier
Angel Gwyn Louisielle Camilleri - Kunsilliera

**ASSENTI**

Ma kien hemm ħadd assenti.

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

### 552.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

552.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Mark Grech fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sinjorina Ghislaine Bongailas, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Mark Grech ikun skużat.

552.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi minħabba problemi tekniċi, is-Sinjorina Angel Gwynn Louiselle Camilleri, ma setgħetx tidħol għal-laqgħa permezz tal-*Microsoft Teams*. Fuq proposta tas-Sinjorina Ghislaine Bongailas li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sinjorina Angel Gwynn Louiselle Camilleri tkun skużata.

### 552.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti

552.2.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni f'paragrafu 550.3.23 u minflok il-kliem il-'Park ta' San Klement', jidħol il-kliem 'grawnd tas-St Patrick' u minflok il-kliem 'Triq iċ-Ċimiterju', jidħol il-kliem 'Pjazza Medjatriċi'.

552.2.2 Il-minuti tal-550 laqgħa ġew unanimament approvati kif emendati fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja.

552.2.3 Il-minuti tal-551 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Angelo Scicluna li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku.

### 552.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

552.3.1 Is-Sindku rrefera għall-espressjoni ta' Interess SPI/SCI/6/2021 – Finanzjament Milied 2021 u nforma lill-membri preżenti li l-Kunsill kien issottometta l-applikazzjoni u qal illi kopja ta' din l-applikazzjoni kienet intbgħatet lill-Kunsillieri permezz tal-*email*. Is-Sindku qal illi permezz ta' din l-iskema kienu ser jittellgħu dawn l-attivitajiet; il-Ġimgħa 17 u Sibt 18 ta' Diċembru - attività tal-massa fi Ġnien il-Kunsill, it-Tlieta 21 ta' Diċembru - l-attività Merħba lill-Istaġuni, L-Erbgħa 22 ta' Diċembru u l-Ħamis 23 ta' Diċembru – Programmi Mużikali organizzati flimkien mal-għaqdiet lokali u l-korijiet tal-parroċċa, il-Ġimgħa 24 ta' Diċembru – Purċissjoni tal-Bambin. Is-Sindku spjega li l-ispiża totali sabiex isiru dawn l-attivitajiet kienet stmata li ser tammonta għal €80,381.60. Is-Sindku żied jgħid li €45,000 kienu ser jiġu ffinanzjati permezz ta' din l-iskema. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lill-membri preżenti li sabiex jiġu organizzati dawn l-attivitajiet, il-Kunsill irid japprova li jsiru trasferimenti ta' voti fl-estimi annwali. Dan peress li l-Kunsill ma kellux biżżejjed fondi allokati fil-vot tal-kultura sabiex isiru dawn l-attivitajiet. Il-Viċi Sindku staqsiet minn liema voti setgħu jitnaqqsu dawn il-fondi. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li mill-vot *Employees Salaries and Wages* kien hemm €30,000 li setgħu jiġu trasferiti fil-vot *Hospitality*. Is-Sindku qal illi dawn l-attivitajiet kienu ser isiru biss f'każ li l-

espressjoni ta' Interess SPI/SCI/6/2021 – Finanzjament Milied 2021 tiġi approvata mid-Dipartiment u wara l-Kunsill għandu jiltaqa' sabiex jiddiskuti dwar it-trasferimenti tal-fondi. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill approva li jiġu organizzati l-attivitajiet li ġew sottomessi fl-applikazzjoni SPI/SCI/6/2021 – Finanzjament Milied 2021, dejjem jekk din l-iskema tiġi approvata mid-Dipartiment għall-Istrateġija u Implimentazzjoni.

552.3.2 Is-Sindku tkellem dwar it-tiżjin tal-Milied u talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex tiġi approvata n-nefqa ta' €13,000 sabiex isir it-tiżjin u d-dawl dekorattiv fit-toroq. Is-Sindku qal li €3,000 minnhom kienu ser jingħataw lill-għaqdiet lokali għas-sehem tagħhom fit-tiżjin ta' Misraħ tal-Madonna Medjatriċi, Misraħ is-Sliem u l-Biċċieni. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li ma kienx ser ikun hemm biżżejjed fondi taħt il-vot *Hospitality* f'każ li tiġi approvata l-espressjoni ta' Interess SPI/SCI/6/2021. Is-Sindku qal illi f'każ li jkunu ser isiru l-attivitajiet permezz tal-iskema, in-nefqa għat-tiżjin tal-Milied tinżel għal €10,000 u jnaqqas l-ispejjeż tat-tiżjin tal-għaqdiet lokali. Is-Sur Joseph Agius qal illi s-sena li għaddiet il-Kunsill kien xtara d-dawl dekorattiv għat-toroq. Is-Sindku qal illi din is-sena kien ser jinxtara aktar dawl dekorattiv għal Triq is-Santwarju. Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk kienx ser isir tiżjin tal-Milied fi Triq Alessio Erardi. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv. Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi l-Grupp Armar tal-Festa kien xolt u staqsa min kien ser jitħallas għat-tiżjin f'isem il-Grupp tal-Armar. Is-Sindku qal illi l-kumitat kien xolt filwaqt li l-*NGO* kien għadu eżisteni. Is-Sindku żied jgħid li f'każ li jsir it-tiżjin, il-pagament setgħa jingħata lill-Arċipriet tal-Parroċċa. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill qabel unanimament li japprova n-nefqa ta' €13,000 sabiex isir tiżjin u dawl dekorattiv fit-toroq ta' Ħaż-Żabbar u li l-imsemmija nefqa tinżel għal €10,000 f'każ li l-espressjoni ta' Interess SPI/SCI/6/2021 tiġi milqugħa.

552.3.3 Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-impjegati tal-Kunsill fejn talbu l-approvazzjoni tal-Kunsill biex numru ta' siegħat ta' *vacation leave* tas-sena 2021 jiġu akkumulati mal-*vacation leave* tagħhom għas-sena 2022 peress li ma kienx possibli jagħmlu użu sħiħ minnhom minħabba esiġenzi ta' xogħol. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li jilqa' it-talba tal-impjegati.

552.3.4 Is-Sindku tkellem dwar il-proġett ta' tisbiħ tal-Wasteserv u qal illi fil-ġimgħat li ġejjin kien ser jiġi varat il-proġett. Dwar il-proġett ta' tisbiħ ta' Triq il-Marloċċ is-Sindku qal illi l-proċess kien għadu fil-fażi tal-*procurement* u għad iridu jiġu approvati l-fondi għalih.

552.3.5 Is-Sindku qal illi kien inbeda x-xogħol ta' *resurfacing* fi Triq Bajada u żied jgħid li bħalissa kien għaddej ix-xogħol ta' *resurfacing* fi Triq l-Iskola u fi Triq ix-Xgħajra. Is-Sindku tkellem dwar ix-xogħlijet li qed isiru mill-Gvern Ċentrali fi Triq ix-Xgħajra u nforma lill-Kunsill li l-*layby* għall-karozzi tal-linja faċċata tal-

ispiżerija ma kinitx ser issir minħabba li kien hemm diversi *cables* għaddejjin minn taħt l-art. Is-Sindku qal li *ż-zebra crossing* kienet ser issir fil-viċinanzi ta' Misraħ San Nikola. Barra minn hekk is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kienu saru spazji ġodda ta' parkeġġ minflok l-art mitluqa li kien hemm fil-kantuniera ta' Triq ix-Xgħajra ma' Triq il-Kappuċċini.

552.3.6 Is-Sindku qal illi kien qed jikkomunika mal-Perit tal-Kunsill sabiex jitneħħa l-periklu li hemm fi Triq il-Mehrież minħabba li l-ħamrija tal-għelieqi u l-pal tal-bajtar kienu qed jaqgħu għal ġewwa t-triq.

552.3.7 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi ġew modifikati l-parkeġġi fi Triq Sant' Antnin kif approvati minn Transport Malta.

552.3.8 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li kien tlesta xogħol ta' tisbiħ u manutenzjoni fis-sala tal-Kunsill. Kien inbeda x-xogħol ta' tibjid fil-librerija lokali u fil-ġimgħat li ġejjin kien ser jitwaħħal il-*parquet*. Barra minnhekk is-Sindku żied jgħid li kien ser isir xogħol ta' manutenzjoni fid-*dog park* u li kienu ser jitwaħħlu tabelli għall-ħarsien tal-annimali, li juru li minn ċertu toroq jaqsmu l-qtates.

552.3.9 Is-Sindku talab lill-Kunsillieri preżenti jibgħatu lista ta' xogħlijiet li jistgħu jsiru permezz tal-ħaddiema tal-manutenzjoni tal-Kunsill. Is-Sindku talab lill-Kunsillieri preżenti biex ma jitolbux xogħlijiet direttament lill-ħaddiema, lill-kuntratturi jew lill-Perit tal-Kunsill sakemm ma jkollhomx l-approvazzjoni tal-ammistrazzjoni jew jekk ma jkunux ikkorrispondew miegħu. Is-Sindku qal illi l-amministrazzjoni m'għandha qatt tinqabeż. Il-Viċi Sindku qalet li jekk is-Sindku kien qed jirreferi għaliha, hija xtaqet tgħaddi l-kummenti tagħha. Il-Viċi Sindku żiedet tgħid li hija qatt ma qabżet lill-amministrazzjoni u nfurmat lill-membri preżenti li hija kienet talbet lill-Perit tal-Kunsill imur fi Triq Ġużeppi Testaferrata sabiex jara biċċa xogħol. Il-Viċi Sindku spjegat li hija kienet kellmet lill-Perit direttament hi biex tgħin lis-Segretarju Eżekuttiv peress li taf li jkollha ħafna xogħol x'tagħmel. Barra minnhekk meta irċeviet il-korrispondenza mingħand il-Perit, kienet bagħtet kopja lis-Segretarju Eżekuttiv peress illi nnutat li l-amministrazzjoni ma kinitx ġiet ikkuppjata. Is-Sindku qal illi l-Perit tal-Kunsill ma kienx ikkopja lill-amministrazzjoni minħabba li l-Viċi Sindku ma kinitx ikkuppjat lill-amministrazzjoni fit-talba tagħha. Is-Sindku żied jgħid li biex il-Perit tal-Kunsill ipprepara d-dokumenti li talbet il-Viċi Sindku, kien inqabeż xogħol li ilu pendenti u li kien ta' natura aktar urġenti. Il-Viċi Sindku qalet li hija ma kinitx ordnat xogħol u li n-nefqa sabiex isir dan il-proġett għad trid tgħaddi għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku qalet ukoll li ilha żmien twil titlob lis-Sindku biex jitwaħħlu l-injam taħt il-bankijiet ta' Triq is-Santwarju iżda sa llum l-injam baqa'ma twaħħalx. Il-Viċi Sindku żiedet tgħid li mhux l-ewwel darba li anke hi ma tiġix ikkuppjata f'korrispondenza li tkun intbgħatet mis-Sindku u tkun relatata mad-dekasteru tagħha.

552.3.10 Fis-7.10 ta' filgħaxija s-Sinjorina Ghislaine Bongailas talbet li tkun skużata.

552.3.11 Is-Sindku tkellem dwar il-miżuri introdotti fid-dokument tal-Baġit 2022. Dwar ir-riabilitazzjoni u s-sigurtà nazzjonali, is-Sindku qal li s'issa 22 lokalità bħalissa qed jibbenefikaw mill-pulizija tal-komunità u li sal-aħħar tas-sena dan in-numru kien se jiżdied għal 43 lokalità, inkluż f'Ħaż-Żabbar. Dwar l-afforestazzjoni tal-Park Nazzjonali tal-Inwadar, is-Sindku qal li kien ser isir investiment ta' €20 miljun u li f'dan il-Park kien ser isir it-tħawwil ta' eluf ta' għexieren ta' siġar indiġeni addattati għaż-żona. Is-Sur Joseph Vella qal illi f'din iż-żona kien hemm il-qbiela u staqsa jekk il-bdiewa kienux avviċinaw lill-Kunsill. Is-Sindku qal illi l-Gvern Ċentrali kien ser iħejji proġett ta' konsultazzjoni mal-bdiewa, raħħala u persuni oħra li jużaw regolarment dan il-park.

## 552.4 Approvazzjoni tal-minuti tas-Sotto Kumitat

552.4.1 Ma kienx hemm minuti tas-Sotto Kumitat.

## 552.5 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

552.5.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn id-29 ta' Settembru 2021 u t-28 t'Ottubru 2021 li kienet tammonta għal €66,602.07.

## 552.6 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju Jannar- Settembru 2021

552.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju Jannar - Settembru 2021. Dan ir-rapport ġie approvat unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius.

## 552.7 Ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv (Skala 13)

552.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv resqet quddiem il-Kunsill ir-rapport tal-*interviews* li sar mill-Bord tal-Intervisti għall-ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv – (Skala 13). Fid-deċiżjoni tiegħu l-Bord ikkonkluda li fl-opinjoni tiegħu kandidata A hija adattata għal din il-kariga u għamel din ir-rakkomandazzjoni tiegħu lill-Kunsill. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li kandidata A tiġi mpjegata bħala Uffiċjal Eżekuttiv - (Skala 13).

## 552.8 Tismija ta' Sqaq fi Triq San Ġużepp

552.8.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li sqaq fi Triq San Ġużepp jissemma Sqaq ix-Xemgħa.

552.8.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kumitat għat-Tismija ta' Toroq kien aċċetta li ż-żewġ toroq biswit il-*playing field* Ġnien il-Mistrieħ li hemm fiż-żona ta' St Peter, jingħataw l-isem Triq il-Kuluvert u Triq il-Peprina.

**552.9 Deċiżjoni dwar il-kuntratti**

- Xogħlijiet Ċivili fi Triq l-Ewwel ta' Frar, 1994 (ZLC 1/2021R)

552.9.1 Inqara r-rapport li tħejja mill-Bord ta' Evalwazzjoni tal-Kunsill dwar l-offerti li ġew sottomessi għax-Xogħlijiet Ċivili fi Triq l-Ewwel ta' Frar, 1994 (ZLC 1/2021R). Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat ir-rapport li sar u qalet illi kienu ġew sottomessi erba' offerti. Il-Bord ta' Evalwazzjoni kien ikkonkluda li żewġ offerti biss kienu teknikament tajba u rrakkomanda li l-Kunsill jagħżel l-aktar offerta vantaġġjuża li kienet mingħand *LBA Limited* għall-prezz ta' €34,641.40. Fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill approva r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni u talab li jitkompla l-proċess sabiex din id-deċiżjoni tiġi komunikata lill-offerenti nvoluti permezz tal-*Electronic Public Procurement System*.

552.9.2 Il-Viċi Sindku talbet lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex qabel ma jibda l-proġett fi Triq l-Ewwel ta' Frar, 1994, issejjaħ laqgħa sabiex jiġu diskussi x-xogħlijiet li għandhom isiru f'dan il-proġett. Il-Viċi Sindku talbet li għal din il-laqgħa jkun hemm preżenti s-Sindku, il-Viċi Sindku bħala *Project Leader* ta' dan il-proġett, il-Perit tal-Kunsill u l-kuntrattur li ser jagħmel dawn ix-xogħolijiet.

552.9.3 Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lill-Kunsill jiddeċiedi jagħżel x'ornamenti artistiċi kienu ser isiru minflok il-bankijiet. Dan peress illi sabiex dan isir, kien jeħtieġ li tiġi sottomessa *change request* tal-Miżura 4 – *Development of Green Infrastructure* qabel ma jibdew ix-xogħlijiet.

**552.10 Ħatra ta' Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-Offerti**

- Kuntratt tal-ġbir ta' skart domestiku (ZLC 5/2021)

552.10.1 Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jinħatar Kumitat ta' Evalwazzjoni għall-Kuntratt tal-Ġbir ta' Skart Domestiku (ZLC 5/2021). Dan il-kumitat għandu jkun kompost mis-Sindku bħala *Chairperson*, mis-Segretarju Eżekuttiv, mis-Sur Marco Cassar, mis-Sur Cameron Farrugia u mis-Sur Brian Farrugia.

**552.11 Proġett Misraħ San Nikola**

552.11.1 Is-Sur Joseph Vella talab li jkun skużat fis-7.10 ta' filgħaxija.

552.11.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi d-Dipartiment għax-Xogħlijiet kien issottometta l-applikazzjoni lill-*Planning Authority* sabiex isir il-proġett ta' tisbiħ ta' Misraħ San Nikola. Is-Sindku qal li dan il-proġett kien jinkludi tisbiħ ta' spazju miftuħ ta' rikreazzjoni fuq parkeġġ pubbliku. Il-parkeġġ kien ser ikun parzjalment taħt l-art u d-dħul tiegħu kien ser isir minn Triq il-Qaqoċċ. Is-Sindku żied jgħid li dan il-proġett kien ser ikun iffinanzjat mill-Gvern Ċentrali u wara li jitlesta huwa mistenni li jibda xogħol ta' restawr tar-razzett li hemm eżistenti. Is-

Sindku spjega li l-art f'Misraħ San Nikola ma kinitx kollha proprjetà pubblika u l-parti li tmiss ma' Triq il-Magħsar kienet proprjetà privata. Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk ir-rakkomandazzjonijiet tat-tfal tal-iskola kinux ġew ikkunsidrati. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv.

552.11.3 Fis-7.15 ta' filgħaxija s-Sinjorina Ghislaine Bongailas daħlet lura għal-laqgħa.

**552.12 Talba għal rimbors dwar ħsarat fil-vetturi**

552.12.1 Ma kienx hemm talbiet għall-rimbors.

**552.13 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

552.13.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li t-total tat-*Tribunal Pending Payments* li jkopri l-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2000 u t-30 ta' Awwissu 2011 kien jammonta għal €351,005. Is-Sindku spjega li b'effett mil-1 ta' Settembru, 2011, is-sistema ta' nfurzar lokali bdiet tiġi mħaddma mill-Kunsill lokali permezz tal-Kumitati Reġjonali. Barra minn hekk is-Sindku qal li skont rapporti maħruġa mis-sistema tal-LESA, minn żmien għal żmien, numru ta' kontravenzjonijiet kienu qed jiġu ikkanċellati. Is-Sur Joseph Agius qal li jekk individwu jinstab ħati mit-Tribunal, iċ-ċitazzjoni tidħol fis-sistema tal-liċenzji u l-liċenzja tal-karozza ma tistax tiġġedded qabel ma din il-kontravenzjoni tiġi mħallsa. Is-Sur Agius staqsa jekk il-kontravenzjoni kienet għada pendenti, kif kienu qed iġeddu l-liċenzja tal-karozza? Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill m'għandux informazzjoni dwar jekk il-liċenzja ta' dawn il-vetturi inkwistjoni għandhomx il-liċenzja mġedda jew le. Is-Sur Joseph Buttigieg talab li l-Kunsill jivverifika ta' min kienu l-kontravenzjonijiet li ġew ikkanċellati. Is-Sinjura Anna Calleja talbet li l-Kunsill jistaqsi fuq liema kriterji dawn il-kontravenzjonijiet ġew ikkanċellati. Dwar in-numru ta' ċitazzjonijiet li għadhom pendenti, is-Sindku qal illi kien talab parir lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Is-Sindku qal illi l-Kunsill setgħa jitlob lill-avukat tal-Kunsill sabiex jibgħat ittra legali għal kull kontravenzjoni li hemm pendenti u wara jħallas l-ispejjeż legali. Jew inkella l-Kunsill jibgħat ittra legali permezz tat-Tribunal. Is-Sindku qal illi dan l-eżerċizzju diġa kien sar fil-passat. Is-Sur Joseph Buttigieg issuġġerixxa li l-ittra tintbgħat permezz tat-Tribunal peress illi l-ispejjeż legali kienu ser jiġu ferm inqas. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jibda diskussjonijiet mar-Reġjun u mal-Assoċjazzjoni sabiex il-Kunsill jiġbor il-flus tal-kontravenzjonijiet li għandu pendenti minn qabel Awwissu 2011. Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill kien ser jitlob kjarifikazzjoni lil LESA dwar il-kontravenzjonijiet li ġew ikkanċellati.

552.13.2 Is-Sindku staqsa lis-Sur Joseph Buttigieg jekk kienx ser jorganizza attivitajiet għall-anzjani sal-aħħar ta' din is-sena. Is-Sur Joseph Buttigieg qal li kellu l-ħsieb li jorganizza attività tal-Milied għall-anzjani nhar il-Ħamis 16 ta' Diċembru, 2021. Is-Sur Buttigieg staqsa jekk il-Kunsill setgħax iħallas għat-trasport ta' din l-

attività. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jħallas it-trasport għal din l-attività.

552.13.3 Il-Viċi Sindku talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex jiġi rranġat il-kanal li hemm fi Triq Ġużeppi Testaferrata. Is-Sindku qal illi huwa ma kienx jaqbel mal-pjanti li kien ħejja l-Perit tal-Kunsill minħabba li jekk jitħaffer kanal mhux ser ikun hemm fejn jiskula l-ilma. Il-Viċi Sindku qalet li f'din it-triq diġa kien hemm kanal eżistenti u r-resident kien qed jitlob li jsiru spralli tal-ħadid fil-wiċċ tal-kanal. Is-Sindku spjega li huwa diġa kien tkellem mal-Perit tal-Kunsill sabiex issir modifikazzjoni u jingħalaq parti mill-kanal. Il-Viċi Sindku qalet li r-residenti ma riedux li jingħalaq il-kanal u reġgħet talbet li l-Kunsill jitlob il-permess ta' Transport Malta u jsir sprall tal-ħadid fil-wiċċ tal-kanal li hemm eżistenti. Is-Sindku qal illi flimkien mal-ħaddiema tal-Kunsill kien mar fuq il-post sabiex jipprova jsolvi l-problema iżda s-sid waqqaf il-ħaddiema milli jaħdmu. Is-Sindku żied jgħid li l-kanal kien ser jissaqqaf bi pjanċa. Il-Viċi Sindku qalet li r-resident ħaseb li l-Kunsill kien ser jagħlaq il-kanal. Il-Viċi Sindku staqsiet jekk il-Perit tal-Kunsill kienx ser jintalab jagħmel proposta ġdida. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lill-membri preżenti li kemm il-darba jkun ser isir tħaffir fit-toroq irid jintalab il-permess ta' Transport Malta permezz tas-sistema ta' *trenching.* Il-Viċi Sindku staqsiet jekk il-Kunsill jistax jibda' bil-proċess u tiġi sottomessa l-applikazzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li biex isir dan, il-Perit tal-Kunsill irid jipprepara *sketch* komplut bil-qisien. Il-Viċi Sindku semmiet il-ħtieġa li l-ispralli tal-ħadid isiru fl-iqsar żmien possibli sabiex jitneħħa l-periklu. Is-Sindku qal illi l-Perit tal-Kunsill kellu lista ta' xogħlijiet xi jlesti qabel dan il-proġett isir .

552.13.4 Il-Viċi Sindku reġgħet semmiet il-ħtieġa li jsir l-injam taħt il-bankijiet li hemm fi Triq is-Santwarju. Is-Sindku qal illi kien ser ikellem lill-mastrudaxxa.

552.13.5 Il-Viċi Sindku resqet ilment li kienet irċeviet mingħand ir-residenti li joqgħodu fi Triq iċ-Ċimiterju minħabba li kien hemm ħafna ġrieden fejn l-għelieqi. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill kien ser jgħaddi dan l-ilment lid-Dipartiment tas-Sanità.

552.13.6 Il-Viċi Sindku staqsiet jekk Triq iċ-Ċimiterju kinitx ser tingħata t-tarmak minħabba li f'din it-triq kien hemm problema tal-għargħar. Is-Sindku spjega li l-ilma li ġej minn Triq Bajada ser jiġi konservat fil-ġiebja li hemm f'Misraħ San Ġakbu sabiex tiġi ndirizzata l-problema tal-għargħar fi Triq iċ-Ċimiterju.

552.13.7 Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk il-Kunsill kienx ikkonsulta dwar l-applikazzjoni li ġiet sottomessa lill-*Planning Authority* bin-numru PC 14/21. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-Perit kien ipprepara d-dokumenti meħtieġa iżda kien għad jonqos li jittieħdu xi ritratti sabiex jiġu nklużi mal-applikazzjoni tal-Awtorità tal-Artijiet.

552.13.8 Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet lis-Sindku jekk kienx għamel kuntatt mal-*Happy Parenting – Malta*. Is-Sinjura Anna Calleja ssuġġeriet li l-Kunsill jorganizza sessjonijiet għaż-żgħażagħ bil-kollaborazzjoni mal-*Happy Parenting – Malta*. Is-Sindku qal illi kien ser jagħmel kuntatt magħhom.

552.13.9 Is-Sur Angelo Scicluna reġa' semma l-ħtieġa li ssir *z-zebra crossing* fil-viċinanzi tal-grawnd tas-St Patrick u quddiem il-Park ta' San Klement. Is-Sindku qal illi kif jitlesta x-xogħol tal-isqaqien ta' wara l-knisja, il-kuntrattur tal-Kunsill kien ser jagħmel ix-xogħol preparatorju sabiex isiru iz-żewġ *zebra crossings*.

552.13.10 Is-Sur Angelo Grech talab li jiġu rranġati l-ispralli tal-ilma tax-xita li hemm fi Triq il-Kbira peress illi kienu qed iħabbtu. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lill-Kunsill illi dawn l-ispralli kienu ser jiġu rranġati fil-ġimgħat li ġejjin minħabba li kien hemm bżonn li tingħalaq it-triq sabiex isir ix-xogħol meħtieġ.

552.13.11 Il-Kaptan Patrick Barbara qal illi x-xogħol ta' *resurfacing* fi Triq Bajada kien waqaf. Is-Sindku qal illi x-xogħolijiet ma kienux waqqfu, imma ġew sospiżi minħabba l-maltemp. Il-Kaptan Patrick Barbara staqsa meta kien ser jitlesta x-xogħol.

552.13.12 Il-Kaptan Patrick Barbara qal illi fi Triq il-Mina ta' Hompesch kien hemm ħofra perikoluża. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi din il-ħofra kienet ser tiġi rrapurtata lil Transport Malta. Il-Kaptan Patrick Barbara żied jgħid li quddiem is-*supermarket* fi Triq il-Mina ta' Hompesch, kienu tqaċċtu xi *bollards*.

552.13.13 Il-Kaptan Patrick Barbara staqsa jekk kinitx ser issir bankina ġdida quddiem il-palazz li hemm fi Triq Bajada. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv. Il-Kaptan Barbara qal illi quddiem il-palazz ikun hemm il-vetturi pparkjati u l-*pedestrians* ikollhom joħorġu f'nofs ta' triq minħabba li m'hemmx bankina. Is-Sindku ssuġġerixxa li jitneħħa l-parkeġġ li hemm quddiem il-palazz u minflok tinħoloq bankina permezz tal-*bollards*. Is-Sindku qal illi kien ser ikellem lill-Perit tal-Kunsill dwar dan is-suġġeriment.

552.13.14 Is-Sur Joseph Agius staqsa lis-Sindku jekk kienx tkellem mal-Kumitat tal-Għaqda Madonna tal-Grazzja, Banda San Mikiel dwar il-kwistjoni tas-*seating* matul il-kunċert tal-festa. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv.

552.13.15 Is-Sur Joseph Agius reġa' ressaq l-ilment li kien irċieva mingħand ir-residenti li joqgħodu fi Triq il-Fikus minħabba li l-bozza baqgħet ma twaħħlitx u kien hemm nuqqas ta' dawl fit-triq. Is-Sindku qal illi l-arblu bil-bozza mistenni jeħel fil-ġimgħat li ġejjin.

552.13.16 Is-Sur Joseph Agius qal illi minkejja li ġiet irranġata l-katusa tan-*New Water* fi Trejqet Wied ta' Mazza, il-bdiewa kienu lmentaw miegħu li din il-katusa ma

ġietx irranġata kif suppost. Is-Sindku qal illi kien ser ikellem lill-entitajiet ikkonċernati.

552.13.17 Is-Sur Joseph Agius talab li jiġu rranġati żewġ tappieri tad-drenaġġ li hemm fi Triq il-Kunvent fil-viċinanzi tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li wara komunikat li kellha mal-*Wastewater,* hija ġiet infurmata li dawn it-tappieri kienu ser jiġu rranġati fil-ġimgħat li ġejjn wara li jinħarġu l-permessi meħtieġa biex tingħalaq it-triq.

552.13.18 Is-Sinjura Ghislaine Bongailas qalet li l-bankina li saret riċentement fi Triq Corrado minn *Infrastructure Malta* kellha l-kurduna tiċċaqqlaq.

552.13.19 Is-Sinjorina Ghislaine Bongailas resqet talba li kienet irċeviet mingħand sid ta' ħanut fi Triq Corrado sabiex issir *UBAR* bil-pjanċa minħabba l-problema tal-għargħar. Is-Sinjorina Bongailas żiedet tgħid li s-sid talab li din il-*UBAR* titwaħħal b'tali mod li tkun tista' tinqala faċilment f'każ li jkollu bżonn joħroġ xi affarijiet mill-ħanut. Is-Sindku talab lis-Sinjorina Bongailas tibgħat l-indirizz ta' fejn qed issir it-talba għal *UBAR*.

552.13.20 Is-Sinjorina Ghislaine Bongailas tkellmet dwar l-ilment li kienet irċeviet dwar l-iskart li kien qed jinħareġ minn filgħaxija fi Triq id-Dukkar.

552.13.21 Is-Sinjorina Ghislaine Bongailas qalet li r-residenti li joqgħodu fi Triq Bieb is-Sultan kienu qed jilmentaw li kienet saret bankina esposta ħafna 'l barra u kienet ta' periklu għas-sewwieqa. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi x-xogħol kien għadu mhux finalizzat u għad iridu jsiru l-marki tal-karreġġjati. Barra minn hekk kienu qed isiru l-preparamenti sabiex issir *roundabout*. Is-Sinjura Anna Calleja talbet lis-Sindku jinfurma fejn kienet ser issir din ir-*roundabout*.

**552.14 Mozzjonijiet**

552.14.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**552.15 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

552.15.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 30 ta' Novembru, 2021 fis-6.00 ta' filgħaxija.

552.15.2 Il-laqgħa spiċċat fit-8.10 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-553 laqgħa li saret nhar it-Tlieta 30 ta' Novembru, 2021

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku